# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 5**

**Rikors numru 1261/09 SM**

**Boris Arcidiacono Limited (C16463)**

**v.**

**Commercial Services Bureau (CSB) Limited (C9053)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-istess kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") biex issib li l-" *credit status report*" imħejji mill-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") f'Jannar tal-2008, fih tagħrif żbaljat, ħażin, mhux

minnu u tagħrif mhux għal kollox sħiħ dwar l-appellanti, u biex minħabba f'hekk issib li l-appellata taħti lejha għad-danni mġarrba minħabba dak ir-rapport. Is-sentenza appellata ordnat ukoll li l-appellanti tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

2. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi qieset hekk:

> "*10.0 Illi minn analisi tal-fatti migbura mill-koodjaturi legali fuq riferiti jista' sintetikament jinghad is-segwenti:*
>
> "*10.1 Illi s-socjeta` intimata giet imqabbda tirredigi rapport fuq ir-rilevanza kummercjali u finanzjarja tas-socjeta` rikorrenti;*
>
> "*10.2 Illi l-ezercizzju taghha ibbazatu fuq informazzjoni li gia` kienet tezisti fid-dominju pubbliku;*
>
> "*10.3 Illi tali analizi hu wiehed importanti fil-kummerc u hu generalment uzat biex iserrah mohh l-investituri li jikkummissjonawh;*
>
> "*10.4 Illi ghalhekk tal-analizi jikkontiribwixxi ghas-serenita` fl-operat kummercjali in generali stante li min ma jirrizultax kapaci ma jkollux l-opportunita` jaghmel hsara b'mod partikolari lil min ikun qed jinnegozja mieghu, u b'mod partikolari lill-ekonomija fjen ikun qed jopera;*
>
> "*10.5 Illi l-analizi in dizamina gie redatt f'Jannar, 2008, fejn rizultat tal-investigazzjonijiet taghha is-socjeta` ntimata oggettivament irrizultalha li s-sitwazzjoni tas-socjeta` rikorrenti ma kinitx felici;*
>
> "*10.6 Illi ghalhekk l-istess socjeta` intimata ikkonkludiet li jekk kellu jigi konkluz xi negozju mas-socjeta` rikorrenti, dan kellu jigi arginat bil-kawteli kollha dovuti skont il-kaz;*
>
> "*10.7 Illi di piu`, minn ezami tal-accounts tas-socjeta` rikorrenti ghas-snin 1997 sal-2006, (bl-2002 u 2004) eskluzi), jirrizulta li kien hem lok ghal thassib billi is-socjeta` rikorrenti kellha djun ingenti, (ara fol 125);*
>
> "*10.8 Illi in oltre, l-istess accounts tas-socjeta` rikorrenti jirrizultaw li kienu kollha qualified – liema timbru jinghata mill-accountants u l-awdituri li jezaminaw l-istess, biex jikkawtelaw il-pozizzjoni taghhom stante li ma jihossuhomx certi li l-accounts minnhom ezaminati jkunu effettivament qed jirriflettu l-verita` tal-fatti;*

"*10.9 Illi di piu`, irrizulta wkoll li s-socjeta` rikorrenti kellha dak imsejjah "negative balance" li konsegwentement, f'kaz ta' likwidazzjoni, xi kredituri tal-istess ma kienux ikunu jistghu jirkupraw dak lilhom dovut;*

"*10.10. Illi in oltre, l-istess socjeta` rikorrenti kellha xi pendenzi mad-Dipartiment ta-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;*

"*10.11. Illi ghalkemm, ex admissis jirrizulta li kien hemm inezattezza wahda fir-relazzjoni tas-socjeta` intimata, din kienet de minimis u ghalhekk irrilevanti;*

"*10.12. Illi kif ukoll issostni s-socjeta` intimata, ir-rapport taghha in dizamina jammonta biss ghal "parir" u xejn aktar;*

"*10.13. Illi allura, is-socjeta` intimata hi ghal kollox estranea ghal kull azzjoni mehuda mis-socjeta` estera de quo fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;*

"*Ikkunsidrat:*

*11.* "*Illi tenut kont tas-suespost, ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` rikorrenti ma pprovatx il-kaz taghha skont il-ligi, stante li jirrizulta assodat li s-socjeta` intimata espletat l-obbligi taghha skont il-ligi u fl-interess tas-serenita` tas-suq kummercjali internazzjonili fejn l-istess socjetajiet joperaw*";

3. B'Rikors tal-Appell imressaq minnha fil-25 ta' Ġunju, 2014, l-appellanti qalet li kienet tħossha aggravata sew mis-sentenza appellata – hija tqajjem mhux anqas minn tmien aggravji għaliha – billi tgħid li hija "manifestament żbaljata" u talbet li din il-Qorti tħassarha w tirrevokaha u, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellata, tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

4. L-appellata laqgħet għall-imsemmi appell billi, f'Risposta tal-Appell imressqa fis-16 ta' Lulju, 2014, qalet li s-sentenza appellata hija waħda tajba u mistħoqqa u li l-appell ma jmissux jintlaqa', bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Ġunju, 2019, li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi l-mertu li minnu tnisslet din il-kawża dikjaratorja jikkonsisti fil-fatt li waħda mill-kumpanniji barranin li magħhom l-appellanti tinnegozja (li ġġib l-isem ta’ Ekornes AsA) talbet li jsir “*credit status report*” dwar l-appellanti, biex issir evalwazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-appellanti. Il-kumpannija barranija Experian p.l.c. li saritilha t-talba mingħand Ekornes, qabbdet lill-appellata biex tħejji r-rapport. Fit-28 ta’ Jannar, 2008, l-appellata fasslet ir-rapport (minn issa ’l hemm imsejjaħ “ir-rapport”[1]) b’mod kunfidenzjali u għaddietu lil Experian: din, min-naħa tagħha, għaddiet kopja lil Ekornes li bagħtet kopja tar-rapport lill-appellanti klijenta tagħha. L-appellanti tgħid li r-rapport inbena minn wara daharha u bla ma qatt intalbet mill-appellata biex tagħti l-fehmiet tagħha jew tagħrif korrett u aġġornat li seta’ jiddaħħal fl-istess rapport. L-appellanti tisħaq ukoll li r-rapport huwa miżgħud b’tagħrif ħażin, żbaljat

[1] Dok “BA1”, f’paġġ. 10 – 2 tal-proċess

jew mhux sħiħ u li jqegħedha f'dawk ikrah f'għajnejn min jaqrah. L-appellanti tgħid li, malli saret taf b'dak li nkiteb dwarha fir-rapport, ipprotestat mal-appellata permezz ta' protest ġudizzjarju[2], u f'ittra uffiċjali[3] talbitha wkoll biex tirtira r-rapport li kienet bagħtet lil Ekornes, wara li l-appellata kienet warrbet l-ilmenti tal-appellanti f'kontro-protest li ressqet[4]. L-appellanti irriżervat li tieħu l-passi ġudizzjarji xierqa dwar id-danni mġarrbin f'ġudizzju separat;

9. Illi, miġbura fil-qosor, l-aggravji tal-appellanti huma dawn: (i) li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza tajjeb il-provi li tressqu quddiemha u l-fatti li joħorġu minnhom u għażlet li tqiegħed fi kliemha dak li l-appellata ressqet b'sottomissjonijiet tagħha; (ii) li l-ewwel Qorti lanqas qieset it-talbiet attriċi għaliex, minħabba l-ammissjoni tal-appellata, t-tieni talba kienet tintlaqa' tabilfors; (iii) l-istess jingħad dwar it-tielet talba attriċi; (iv) l-istess jingħad dwar ir-raba' talba attriċi; (v) l-istess jingħad dwar il-ħames talba attriċi; (vi) u għaldaqstant, kien messha laqgħet ukoll l-ewwel talba attriċi; (vii) l-appellanti tgħid li kien hemm provi biżżejjed fl-atti tal-kawża biex l-ewwel Qorti kellha ssib li s-sitt talba attriċi kienet tajba u tgħid li l-appellata kienet taħti għad-danni mġarrba mill-appellanti; u (viii) li l-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellata bla ma tilqa' t-talbiet attriċi, ladarba parti mill-eċċezzjonijiet kienu jikkonsistu

[2] Dok "BA2", f'paġġ. 14 – 8 tal-proċess
[3] Dok "BA4", f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[4] Dok "BA3", f'paġġ. 21 – 3 tal-proċess

f'ammissjoni tat-talba u wkoll għaliex l-istess eċċezzjonijiet ma kinux iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi;

10. Illi l-Qorti tqis li, minkejja li l-appellanti tifrex l-aggravji tagħha taħt tmien taqsimiet, u wara li qrat b'reqqa r-Rikors tal-appell tagħha u qieset is-sottomissjonijiet magħmulin f'isimha waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-aggravji kollha jistgħu jinġabru taħt żewġt irjus – jiġifieri, l-aggravju dwar l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti tal-provi li kienu tressqu quddiemha matul is-smigħ tal-kawża, u li s-sentenza appellata ma treġix lanqas fid-dawl ta' dak li joħroġ mill-atti mressqa mill-partijiet. Għalhekk, il-Qorti sejra tindirizza l-aggravji kollha tal-appellanti billi tiġborhom f'dawn iż-żewġ taqsimiet;

11. Illi l-**aggravju tal-apprezzament ħażin tal-fatti** jinbena fuq ix-xilja li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda każ tal-provi li tressqu quddiemha u qagħdet biss u għal kollox fuq is-sottomissjonijiet li sarulha mill-appellata u għamlithom tagħha. Fir-Rikors tagħha, l-appellanti saħansitra ressqet skeda bi tqabbil bejn is-sottomissjonijiet tal-appellata u l-partijiet tas-sentenza appellata li hija tgħid li jisiltu dawk is-sottomissjonijiet. B'mod partikolari, l-appellanti tgħid li, minflok ma l-ewwel Qorti wettqet l-eżerċizzju tagħha tal-apprezzament tal-provi, straħet fuq is-sottomissjonijiet ta' waħda mill-partijiet – f'dan il-każ, l-appellata – u għaġnithom bħallikieku kienu l-apprezzament tagħha u b'hekk "ħalliet li

tkun il-kumpannija konvenuta appellata li prattikament 'kitbet' is-sentenza appellata". Biex issaħħaħ dan l-argument tagħha, l-appellanti ssemmi verbal[5] fejn il-partijiet ħallew f'idejn l-ewwel Qorti biex, għalkemm il-perit legali ma kinitx laħqet għaddiet biex tressaq ir-rapport tagħha minħabba li nħatret Maġistrat, tgħaddi għas-sentenza fuq l-atti li kellha quddiemha. Hija tgħid li kienet l-ewwel Qorti nnifisha li ikkummentat li b'dan il-mod it-talba tal-partijiet "ma tawspikax għal aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja";

12. Illi f'dan l-aggravju tagħha, l-appellanti żżid tgħid li kieku l-ewwel Qorti qrat sewwa l-atti tal-kawża u kieku qieset sewwa x-xhieda mressqa li ma nstemgħux quddiemha, kien jirriżultalha li l-appellata nnifisha tistqarr li biċċa mir-rapport kien żbaljat u li, minħabba f'hekk biss, uħud mit-talbiet attriċi – li saru sewwasew b'tismija speċifika ta' dawk il-partijiet tar-rapport li ma kinux mis-sewwa – messhom intlaqgħu u mhux, bħalma ġara, ġew kollha miċħuda. Dan jirreferi għal dik il-parti tar-rapport li jgħid li l-appellanti kienet ikkundannata b'sentenza ta' qorti biex tħallas kreditur tagħha meta dan ma kienx minnu. L-appellanti tgħid li l-azzjoni tagħha kienet imsejsa fuq il-fatt li r-rapport kien żbaljat u mhux fuq jekk l-iżbalji li kien fih kinux insinjifikanti. Minħabba f'hekk, l-ewwel Qorti wriet li kienet naqset li tapprezza kif jixraq il-provi mressqa fid-dawl tat-talbiet li sarulha. L-istess ħaġa tgħid dwar it-tielet talba safejn ir-rapport jindika l-għamla ta' negozju li tmexxi l-appellanti, u fejn l-istess appellata tagħraf li kienet

[5] Dak tat-3 ta' Diċembru, 2013 (f'paġ. 129 tal-proċess)

imxiet fuq tagħrif ħażin. Issemmi wkoll id-dikjarazzjoni żbaljata fir-rapport li titkellem dwar nuqqas ta' ħlas min-naħa tal-appellanti ta' krediti dovuti lill-Gvern u l-ħruġ ta' Mandati dwar dawk il-krediti, liema Mandati kienu lkoll tħassru sa dakinhar li l-appellata ħejjiet ir-rapport;

13. Illi għal dak li jirrigwarda l-ħames talba attriċi li dwarha r-rapport jgħid li l-appellanti kienet tinsab f'qagħda finanzjarja mwiegħra fejn id-djun tagħha kienu jaqbżu l-assi, l-appellanti tisħaq li kien hemm provi ċari biżżejjed quddiem l-ewwel Qorti li kienu juruha li hawnhekk ukoll ir-rapport kien għal kollox żbaljat. Madankollu, l-ewwel Qorti ma qagħditx fuq dawk il-provi. Minħabba f'hekk, hija tgħid li l-ewwel Qorti ma setgħet bl-ebda mod tiċħad l-ewwel ħames talbiet attriċi, ladarba ntwera li r-rapport kien fih l-iżbalji li ntwera li kellu. Minħabba f'hekk, l-appellanti tħossha aggravata li l-ewwel Qorti ċaħditilha wkoll is-sitt talba attriċi li trid li l-appellata titqies passibbli għad-danni mġarrbin minnha minħabba dak ir-rapport;

14. Illi għal dawn l-aggravji l-appellata laqgħet billi qalet li r-rapport imħajji minnha sar b'eżami mirqum tal-fatti u t-tagħrif li dak iż-żmien kien disponibbli lilha u li r-rapport kien maħsub biex min talbu jkun f'qagħda li jagħraf jimxi mal-kumpannija appellanti f'dak li jirrigwarda termini ta' kreditu fin-negozju magħha. Tisħaq li r-rapport ma kien jgħid imkien li l-appellanti ma kienx jistħoqqilha tingħata '*credit terms*', iżda li min kellu

jiddeċiedi li jagħtiha dawn it-termini kien ikun għaqli li jtolob ċerti garanziji, u dan minħabba ċirkostanzi li jissemmew fir-rapport innifsu. Hija tgħid li l-ewwel Qorti għamlet stħarriġ tajjeb u meqjus ta' dan kollu u għalhekk ma setgħetx tasal biex tiddeċiedi l-kawża mod ieħor;

15. Illi l-Qorti tosserva li l-appellanti nnifisha tibda billi tagħraf li l-biċċa l-kbira mill-aggravju jissejjes fuq il-kwestjoni tal-apprezzament tal-provi li kellha tagħmel l-ewwel Qorti. Kemm-il darba ngħad li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mibni fuq il-fatti proċesswali[6]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar*

[6] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Aġius v. Piju Theuma**

*f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[7];

16. Illi l-azzjoni attriċi hija waħda dikjaratorja li l-ewwel talba fiha titlob b'mod ġenerali li r-rapport fih tagħrif żbaljat, ħażin, inveritier u mhux sħiħ, filwaqt li l-erba' talbiet ta' warajha jitolbu b'mod speċifiku li l-qorti ssib li r-rapport kien ħażin fuq fatti speċifiċi msemmija fir-rispettivi talbiet. L-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti naqset għal kollox milli tqis il-provi li kellha quddiemha u qagħdet fuq is-sottomissjonijiet li għamlitilha l-appellata bla ma dehrilha li kellha timmottiva dik l-għażla tagħha. Din il-Qorti tqis li l-qofol tal-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha tirriżulta mill-parti tas-sentenza appellata fejn issir il-ġabra ta' ċirkostanzi li l-ewwel Qorti tislithom mill-provi miġbura mill-Assistant Ġudizzjarju u mill-perit legali maħturin minnha[8]. Il-Qorti tqis ukoll li r-rapport kien wieħed minn sensiela li l-kumpannija appellata ħarġet fuq medda ta' snin dwar l-appellanti. Mill-provi ħareġ ukoll li, waqt it-tfassil tar-rapport, l-appellata ma kellmitx lill-appellanti u lanqas talbitha tagħrif. Meta sar ir-rapport, l-appellata bagħtet kopja tiegħu lil min kien qabbadha tagħmlu u, minħabba l-kunfidenzjalità, lanqas bagħtet kopja tiegħu lill-appellanti. L-appellanti saret taf bih u b'li ngħad fih, żmien wara;

---

[7] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**
[8] § 10 tas-sentenza appellata

17. Illi l-Qorti tqis li l-appellata stqarret li, fir-rigward ta' parti mir-rapport, kienet tabilħaqq tat tagħrif li ma kienx minnu. Dan stqarritu fit-Tweġiba Maħlufa tagħha u hija tgħid li, malli nġibditilha l-attenzjoni għal dan il-fatt, hija kienet bagħtet kjarifika bil-miktub lil min kien qabbadha tagħmel ir-rapport (jiġifieri lil Experian). L-appellata tgħid li dak il-fatt kien marġinali għar-rapport u l-ewwel Qorti qablet mas-sottomissjoni tagħha u qisitu bħala "*de minimis* u għalhekk irrilevanti";

18. Illi meta l-Qorti tqis x'kien l-għan ewlieni tal-kawża u x'intalab fiha, tasal għall-fehma li l-aggravju taħt din il-kawżali huwa mistħoqq. Dan jingħad ukoll fid-dawl tax-xhieda mressqa[9] li turi li r-rapport tfassal b'għaġġla fuq medda ta' ftit jiem, fuq tagħrif li ma kienx aġġornat u minn għejjun li ma kinux dejjem l-aħjar li minnhom seta' jew messu nġabar dak it-tagħrif. Il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li r-rapport kien fih xi tagħrif li mhux minnu ma jista' jlumu ħadd. Il-kwestjoni ta' jekk it-tagħrif ħażin kienx wieħed insinjifikanti jew determinanti mhijiex daqstant rilevanti għaliex it-talbiet attriċi kienu jitkellmu dwar l-għarfien taċ-ċirkostanza li r-rapport kien fih tagħrif mhux tajjeb. Il-Qorti tagħraf ukoll li r-rapport kien fih tagħrif tajjeb u lanqas l-appellanti ma tiċħad dan. B'dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tindirizza biss l-aggravju tal-apprezzament tal-fatti li l-ewwel Qorti kellha quddiemha, u ma hija bl-ebda mod tagħti fehma dwar

[9] Xhieda ta' Tony Żammit 8.9.2010 u ta' William Ambrogio 27.3.2012 (fl-inkartament tal-assistant ġudizzjarju, mhux impaġinat)

jekk il-fatti kif imniżżla fir-rapport kellhomx effett fuq min qrah jew jekk ġabux magħhom riperkussjonijiet lill-partijiet jew lil min minnhom;

19. Illi meta l-Qorti tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti li tressqu fl-atti ta' din il-kawża, issib li hemm raġunijiet biżżejjed fejn imissha tuża s-setgħa tagħha li tikkoreġi l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti fir-rigward tar-rapport u biex, minflok, toqgħod fuq il-prova li tirriżulta jiġifieri li tabilħaqq hemm xi fatti msemmijin fih li ma humiex minnhom;

20. Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar it-tieni talba l-appellanti tgħid li r-rapport jagħti tagħrif li ma kien minnu xejn dwar il-kundanna tagħha f'kawża li saritilha minn kumpannija li kienet fornietha b'kiri ta' tagħmir tal-*computers*. Mill-provi mressqa, joħroġ ċar li din il-parti tar-rapport ma tgħidx sewwa. Filwaqt li huwa minnu li f'Jannar tal-2007, kienet tressqet kawża bil-proċedura sommarja speċjali kontra l-appellanti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[10], sa ma sar u ntbagħat ir-rapport ma kienet ingħatat l-ebda sentenza u wisq anqas kien hemm sejbien ta' ħtija jew kundanna tal-appellanti għall-ħlas mitlub. Meta saret taf bir-rapport, l-appellanti bagħtet titlob lill-appellata fi protest ġudizzjarju biex tibgħat korrezzjoni ta' dak it-tagħrif ħażin. L-appellata laqgħet in-notifika tal-imsemmi protest fit-22 ta' Ottubru, 2009 u fil-kontro-protest li ressqet fl-

[10] Rik. Nru. 57/07RCP

10 ta' Novembru, stqarret li t-tagħrif mogħti fir-rapport dwar l-imsemmija kawża ma kienx eżatt u li l-kawża kienet għadha miexja;

21. Illi dan il-fatt juri li l-appellanti kellha raġun tilmenta mir-rapport f'dak ir-rigward u l-Qorti taqbel magħha li l-istess appellata stqarret ukoll dan in-nuqqas. Għalkemm l-appellata tgħid li hija bagħtet rettifika dwar din iċ-ċirkostanza lil min kien qabbadha tagħmel ir-rapport, il-prova mressqa turi li mqar f'dik ir-"rettifika" li ntbagħtet lil Experian fil-5 ta' Novembru, 2009[11] raġa' ngħata tagħrif li ma kienx minnu. Kemm hu hekk id-dokument jgħid li l-kawża kienet inqatgħet kontra l-appellanti u li l-appellanti kienet appellat minnha. Din id-dikjarazzjoni fiha żewġ fatti li ma humiex minnhom: l-ewwel waħda hi li, sa Novembru tal-2009, ma kienet għadha ngħatat l-ebda sentenza f'dik il-kawża[12], u t-tieni hi li ma setax ikun li rappreżentant tal-appellanti kien għarraf lill-appellata li kien tressaq appell minn dik is-sentenza jekk sentenza ma kienx għadha ngħatat. Sakemm id-dokument tar-rettifika ma sarx wara Marzu tal-2010, irid jingħad li għalhekk sa dan il-waqt l-appellata kienet reġgħet bagħtet tagħrif ħażin li min kien qabbadha tagħmel ir-rapport. Minbarra dan, il-Qorti tqis li l-fatt li l-appellata dehrilha li kellha tibgħat tali "rettifika" juri li, għall-kuntrarju ta' dak li tgħid f'din il-kawża, it-tagħrif ma kienx dettal insinjifikanti jew "*de minimis*";

[11] Dok "Ħ", fl-inkartament tal-perit legali, mhux enumerat

[12] Is-sentenza fl-ewwel istanza ngħatat fil-25 ta' Marzu, 2010, u ngħatat kontra l-attriċi f'dik il-kawża u favur l-appellanti (l-istess sentenza kienet konfermata minn din il-Qorti diversament komposta fis-27 ta' Frar, 2015)

22. Illi taħt dan l-aggravju l-appellanti tiġbor ukoll dik il-parti tar-rapport li ssemmi li l-appellanti kienet ikkundannata tħallas persuna partikolari. Din iċ-ċirkostanza tirreferi għal pretensjoni li saret kontra l-appellanti (u żewġ kumpanniji oħrajn mill-grupp Arcidiacono) mill-awditur tagħha għall-ħlas ta' bilanċ ta' drittijiet professjonali dovuti lilu. Il-pretensjoni kienet saret f'ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju, 2007[13], għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimati f'dik l-ittra lkoll kienu ikkontestawha b'noti mressqin fis-17 ta' Lulju, 2007 (għalkemm jidher li l-appellanti waħedha ikkontestatha fiż-żmien tat-tletin jum mitluba mil-liġi, u saħansitra talbet lill-kreditur mittent biex iħallasha lura xi ħlas li hija tgħid li tatu żejjed ukoll). Minn dawn il-fatti, joħroġ ċar ukoll li t-tagħrif mogħti fir-rapport ma jaqbilx ma' dak li tassew ġara u li ma kienx minnu li l-appellanti kienet ikkundannata minn xiħadd biex tħallas l-ammont pretiż. Sa ma tressaq ir-rapport din kienet il-qagħda vera. Kien biss f'Marzu tal-2009, li kienet saret kitba ta' transazzjoni[14] li fiha l-kreditur mittent tħallas għas-saldu (mill-appellanti) s-somma pretiża minnu u ressaq nota fl-atti tal-ittra uffiċjali li huwa ma kienx għad fadallu pretensjonijiet kontra d-debituri tiegħu;

23. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa mistħoqq ukoll u sejjer jintlaqa';

[13] Dok "MS2" fl-inkartament tal-assistent ġud izzjarju (mhux enumerat)
[14] Dok "VC1", fl-inkartament tal-perit legali (mhux enumerat)

24. Illi l-istess jista' jingħad dwar it-tielet aggravju (marbut maċ-ċaħda tat-tielet talba attriċi) li jitkellem dwar tagħrif ħażin tal-għamla ta' negozju ewlieni li hija mdaħħla fih l-appellanti. F'dan ir-rigward, l-appellanti ressqet kemm xhieda u kif ukoll provi dokumentali li jixhdu x'inhi n-natura tan-negozju li l-appellanti tmexxi f'Malta u dawn kollha juru negozju li mhuwiex dak imsemmi fir-rapport. Minn dan l-aspett, it-tielet talba attriċi tirriżulta mistħoqqa safejn trid li l-Qorti ssib li r-rapport kien fattwalment skorrett f'dan ir-rigward, għalkemm ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li dan it-tagħrif ħażin ma setax ħawwad jew żgwida lil Ekornes AsA ladarba li, għal għadd ta' snin, kienet diġà tinnegozja mal-appellanti fil-qasam ta' prodotti oħra (kmamar tas-sodda u attrezzi) li mhumiex dawk tal-għamla ta' negozju li jsemmi r-rapport. Madankollu, għall-finijiet tan-natura dikjaratorja tat-tielet talba attriċi, l-appellanti kellha raġun tilminta li r-rapport kien, f'dan ir-rigward, fattwalment żbaljat u għalhekk it-tielet talba tagħha kien jistħoqqilha tintlaqa'. Minbarra dan, kien l-istess rappreżentant tal-appellata li, waqt il-kontro-eżami li sarlu[15], stqarr li t-tagħrif imsemmi fir-rapport f'dak li jirrigwarda l-għamla ta' negozju mmexxi mill-appellanti kien żbaljat;

25. Illi għall-istess raġuni msemmija fil-każ tal-aggravju ta' qabel, din il-Qorti ssib li dan l-aggravju huwa mistħoqq u sejra tilqgħu;

[15] Xhieda ta' Anthony Żammit 1.11.2010 fl-inkartament tal-assistent ġudizzjarju (mhux enumerat)

26. Illi dwar ir-raba' aggravju (marbut mar-raba' talba attriċi) l-appellanti tgħid li r-rapport kien ukoll ħażin meta fih issemma li hija kienet naqset li tħallas imposti jew taxxi dovuti lill-Gvern. Biex tattakka din il-fehma fir-rapport, l-appellanti ssemmi li min kiteb ir-rapport allega li, matul l-2004 u l-2005, kienu tnedew kawżi kontra l-appellanti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, mid-Dipartiment tad-Dwana u mill-Kummissarju dwar it-Taxxa dwar il-Valur Miżjud. L-appellanti tgħid li, għalkemm huwa minnu li kienu nħarġu Mandati kontriha – u mhux infetħu kawżi – sa meta tressaq ir-rapport l-ebda Mandat ma kien għadu fis-seħħ. Hija tgħid li r-rapport ma jsemmi bl-ebda mod it-tneħħija tal-imsemmija Mandati u b'hekk jixhed kemm kien magħmul b'nofs kedda u bla fehma li juri s-sewwa;

27. Illi għal dan l-aggravju l-appellata tgħid li l-provi fil-kawża juru li l-appellanti tabilħaqq kienet naqset li tħallas id-debiti tagħha mal-imsemmija dipartimenti u l-fatt li l-Mandati kienu tħassru ma jfissirx li d-djun magħhom kienet qatgħethom, u tgħid li mill-istess provi l-Mandati tneħħew għaliex l-appellanti kienet waslet fi ftehim li d-djun dipartimentali tagħha tħallashom bin-nifs u fuq medda ta' snin. Tgħid li l-ħlas twettaq biss sena wara li nħareġ ir-rapport;

28. Illi hawnhekk ukoll il-Qorti ttenni l-osservazzjonijiet li għamlet fiż-żewġ kapijiet ta' qabel ta' dan l-aggravju. Fir-rigward ta' dan il-kap tal-aggravju hija tqis li r-rapport ma jsemmi l-ebda Mandati (imma juża l-kliem

"*court cases*"). Madankollu, t-tliet ċifri li jissemmew fir-rapport jaqblu mal-import ta' erba' (4) Mandati eżekuttivi maħruġin kontra l-appellanti bejn id-9 ta' April, 2004, u t-18 ta' Marzu, 2005 mid-Direttur tad-Dwana u mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud[16]. Fir-rigward tal-erba' li huma, kien nħarġu r-relattivi kontro-Mandati bejn id-19 ta' April, 2004 u t-22 ta' Marzu, 2005[17]. Mill-ġbir tal-provi ħareġ li l-kontro-Mandati nħarġu mhux għaliex l-appellanti kienet ħallset id-djun amministrattivi msemmija, imma għaliex kienet waslet f'arranġament mad-dipartiment dwar programm ta' ħlas mifrux fuq medda ta' żmien u dan juri li r-rapport ma kienx qiegħed jgħid ħwejjeġ b'oħra fejn jidħol id-dejn tal-appellanti mad-dipartimenti msemmija. Kemm hu hekk, xhud imressaq mill-appellanti nnifsu jgħid li ma' wieħed mid-dipartimenti d-dejn kien saldat f'Jannar tal-2009[18], jiġifieri sena wara li nħareġ ir-rapport. Għall-finijiet tal-għanijiet li għalihom kien maħsub ir-rapport, it-tismija ta' pendenzi jew debiti mad-dipartimenti msemmija ma kinitx tagħrif ivvintat mix-xejn jew tgħawwiġ tal-fatti;

29. Illi meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li dan l-aggravju ma huwiex mistħoqq għaliex fiż-żmien li tħejja r-rapport ma ngħadx ħażin li l-appellanti kienet debitriċi ta' dipartimenti kif jingħad. Għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' dan l-aggravju;

---

[16] Ara d-Dokti "MP5", "MP7", "MP9" u "MP11" fl-inkartament tal-perit legali (mhux enumerat)
[17] Ara d-Dokti "MP6", "MP8", "MP10" u "MP12" fl-istess inkartament
[18] Xhieda ta' Adrian Farruġia (Affidavit Dok "B" 5.3.2012, fl-inkartament tal-perit legali)(mhux numerat)

30. Illi l-ħames taqsima tal-aggravju tal-appellanti tirreferi għaċ-ċaħda tal-ħames talba attriċi. L-appellanti tgħid li r-rapport itebba' l-qagħda finanzjarja tagħha billi jissemmew in-'*negative net worth*' tagħha u kif ukoll it-telf imġarrab fit-tmexxija tan-negozju tagħha u l-għadd qawwi (tintuża l-kelma "*hefty*") ta' kredituri li kellha fiż-żmien li sar ir-rapport. L-appellanti tgħid li dawn ir-rimarki fir-rapport ma jaqblux mar-rejaltà li kienet tinsab fiha fiż-żmien li sar ir-rapport u kif kienet il-qagħda vera tagħha fix-xhur ta' wara. Hija tgħaddi biex tressaq sensiela ta' osservazzjonijiet u tislet minn xiehda mogħtija biex turi kif dan l-aggravju tagħha huwa mistħoqq;

31. Illi, min-naħa tagħha, l-appellata twarrab bil-qawwa dan l-aggravju fil-biċċa l-kbira mir-Risposta tal-Appell tagħha u tressaq argumenti biex turi li r-rapport jagħti stampa fidila u korretta tal-qagħda finanzjarja li kienet tinsab fiha l-appellanti u dan kemm fiż-żmien li sar ir-rapport u kif ukoll sa minn żmien qabel ma sar. Hija tiċħad li kellha l-ħsieb li tgħawweġ il-fatti biex tqiegħed lill-appellanti f'dawl ikrah, u tisħaq li l-għan tar-rapport kien biex min talbu jkun jaf kif għandu jimxi meta jiġi biex jinnegozja mal-appellanti jew jekk kellux jirregola ruħu b'għaqal;

32. Illi din il-Qorti qrat sewwa x'jgħid ir-rapport u fliet ukoll il-provi mressqa mill-partijiet. Tagħraf ukoll li r-rapport tfassal fi żmien qasir u kien mibni fuq tagħrif li l-appellata ma kisbitx direttament mingħand l-appellanti. Madankollu, dan ma jfissirx li t-tagħrif li jissemma fir-rapport

kien żbaljat jew maħluq mix-xejn. Minkejja n-natura dikjaratorja tat-talba attriċi, l-appellanti ma tistax taqbad ma' frażijiet meħudin 'l hawn u 'l hinn mir-rapport u taqtagħhom mill-kuntest li fih jissemmew. Wara kollox, il-Qorti tagħraf li l-għan ta' rapport bħal dak mertu tal-każ huwa li jagħti l-fehma ta' min fasslu dwar il-qagħda finanzjarja ġenerali tal-kumpannija mistħarrġa biex min jaqrah jista' jislet il-konklużjonijiet tiegħu meta jiġi biex jinnegozja magħha. Il-Qorti tippreċiża wkoll li mar-rapport l-appellata bagħtet ukoll dokumenti maħruġa mill-appellanti nnifisha dwar il-qagħda finanzjarja partikolari tal-istess appellanti fuq dak it-tagħrif li, sa dak iż-żmien, kien disponibbli pubblikament. Fit-tielet lok, id-destinatarja tar-rapport (Ekornes AsA) ma kellhiex biss ir-rapport, imma wkoll l-imsemmija dokumenti mehmużin miegħu, u kien fuq dawn kollha li hija setgħet tifforma l-konklużjonijiet tagħha dwar dak li jingħad fir-rapport. Fir-raba' lok, għalkemm l-appellata ma kellhiex ħjiel min kien id-destinatarju aħħari tar-rapport imfassal minnha, fil-fatt jirriżulta li Ekornes AsA kienet ilha taf lill-appellanti u dwarha kienet irċeviet rapporti ta' '*credit status*' qabel dan ukoll. Fil-ħames lok, ix-xhieda mressqa mill-partijiet ilkoll jitfgħu dawl fuq il-qagħda finanzjarja tal-appellanti tul medda ġmielha ta' żmien u minn din ix-xhieda toħroġ fehma konsistenti li l-qagħda ma kinitx mill-aqwa, għalkemm kull xhud taha sfumatura personali. Fis-sitt lok, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellata li r-rapport bl-ebda mod ma jissuġġerixxi li ma għandu jsir l-ebda negozju mal-appellanti, imma biss li min jidħol għal tali negozju jkun għaqli li jikkunsidra li jitlob garanziji;

33. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb u mhix sejra tilqgħu;

34. Illi s-sitt aggravju jirreferi għall-ewwel talba attriċi u fih l-appellanti terġa' ssemmi ċ-ċirkostanzi ta' nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-provi min-naħa tal-ewwel Qorti li jissemmew fl-aggravji ta' qabel. Il-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn toqgħod terġa' tgħid l-istess affarijiet li qalet qabel jew ittawwal fuq dan l-aggravju. Safejn dehrilha li l-aggravji msemmija aktar qabel sabithom mistħoqqa, hekk ukoll issib mistħoqq dan l-aggravju; u safejn ma sabitx mistħoqqa dawk l-aggravji, hekk ukoll sejra tiċħdu dwar dan. Għalhekk, issib li kien hemm raġunijet tajbin biżżejjed biex l-ewwel talba attriċi kellha tintlaqa' wkoll;

35. Illi, fl-aħħarnett, għal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar is-sitt talba attriċi (is-seba' aggravju), l-appellanti tgħid li bis-saħħa tar-rapport hija ġarrbet danni kbar billi l-kumpannija li għall-benefiċċju tagħha sar l-istess rapport (jiġifieri Ekornes AsA) irrifjutat li tagħtiha faċilità ta' ħlas bi kreditu minħabba t-tagħrif li kien hemm fl-istess rapport. Tgħid li l-ewwel Qorti naqset li tara r-rabta kawżali bejn l-istess rapport u l-atteġġament ta' Ekornes AsA lejn in-negozju ta' bejniethom minn wara li waslilha dak ir-rapport, bir-rifjut tal-għoti ta' faċilità ta' ħlas bi żmien;

36. Illi għal dan l-aggravju l-appellata tiċħad għal kollox xi sehem jew ħtija tagħha u ttenni li r-rapport li fasslet kien jagħti stampa fidila tal-qagħda finanzjarja tal-appellanti. Hija tisħaq li r-rapport tfassal fuq is-saħħa tal-*accounts* tal-appellanti nnifisha u l-għażla li setgħet għamlet Ekornes AsA dwar il-faċilità tal-ħlas b'terminu kienet il-frott ta' dik il-qagħda li r-rapport wera b'mod korrett u lejali. Minbarra dan, l-appellata tgħid li l-qagħda finanzjarja instabbli tal-appellanti ma tnisslitx dakinar li sar ir-rapport u din il-qagħda kienet ilha ġejja minn żmien u Ekornes AsA kienet taf biha;

37. Illi f'dan ir-rigward, l-appellanti tistrieħ fuq komunikazzjonijiet li hija tgħid li rċeviet mingħand rappreżentanti ta' Ekornes AsA wara li ntbagħtilha r-rapport. B'mod partikolari, l-appellanti tgħid li kien biss wara insistenza min-naħa tagħha li Ekornes AsA fl-aħħar għarrfitha li kienet irċeviet ir-rapport u ntbagħtet korrispondenza elettronika f'dan ir-rigward. Hawnhekk il-Qorti tinnota li l-appellanti ressqet dokument flimkien mar-Rikors tal-Appell tagħha biex issaħħaħ dan l-aggravju tagħha;

38. Illi l-appellata oġġezzjonat għall-imsemmi dokument u qalet li ma kienx sewwa li l-appellanti tipprova tressaq provi ġodda f'dan l-istadju u għalhekk tgħid li l-Qorti għandha tordna t-tneħħija tiegħu mill-atti tal-appell;

39. Illi l-Qorti jidhrilha li qabel tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravju għandha tindirizza din il-kwestjoni tat-tressiq ta' prova dokumentali f'dan l-istadju tal-kawża. Għalkemm l-appellanti, fl-imsemmi Rikors tagħha, tgħid li kienet "qegħda terġa'" tannetti d-dokument, minn eżami b'reqqa li din il-Qorti għamlet fl-atti kollha tal-kawża ma jirriżultax li l-appellanti qatt kienet ressqet din il-prova dokumentali f'xi żmien qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Li kieku tassew dak id-dokument kien tressaq qabel, kien ikun biżżejjed li l-appellanti tirreferi għalih bħalma tagħmel b'reqqa kbira rigward provi dokumentali oħrajn li ssemmi fir-Rikors tagħha. Huwa minnu li Boris Arcidiacono jsemmi dak id-dokument fl-affidavit tiegħu, imma d-dokument innifsu ma kienx imressaq bħala prova;

40. Illi huwa aċċettat u stabbilit li għalkemm il-liġi tagħti lil xi parti li tressaq provi dokumentali mar-rikors, mat-tweġiba jew mar-replika quddiem din il-Qorti bil-għan li jsaħħu t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet ta' min minnhom[19], dan ma jfissirx li kull parti tista' tibda taqla' provi ġodda fl-istadju tal-appell kif jogħġobha. Din il-Qorti ilha żmien tfisser l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi b'mod li tħares milli xi parti twettaq abbuż tal-proċedura jew li ċċaħħad il-benefiċċju tal-eżami doppju tal-provi fejn jista' jkun. Kemm hu hekk, id-dispożizzjoni trid titfisser fil-qafas ta' dik li hija l-funzjoni ta' din il-Qorti ta' reviżjoni li, bħala regola, ma għandhiex tqis provi li ma nġabux quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza[20]. Għalhekk, jekk prova

[19] Art. 145 tal-Kap 12
[20] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet **Tabib John Cassar et v. Carmel Polidano et**

dokumentali ma setgħetx titressaq quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, jew jekk il-parti ma kinitx tista' taf b'dokument bħal dak qabel ma ngħatat is-sentenza, din il-Qorti tammetti li titressaq tali prova dokumentali fl-istadju ta' appell u jekk ikun fl-interess tal-ġustizzja li dan isir[21]. Għall-kuntrarju, fejn dik il-prova kienet magħrufa lill-parti sa minn qabel l-għoti tas-sentenza appellata, ma jkunx sewwa li mbagħad titħalla tressaqha fl-istadju tal-appell[22];

41. Illi ma hemm l-ebda dubju li d-dokument li l-appellanti hemżet mar-Rikors tal-Appell tagħha kienet taf bih, għaliex kif ingħad qabel, issemma fix-xhieda mogħtija fl-affidavit tar-rappreżentant tal-appellanti nnifisha quddiem l-ewwel Qorti. Il-Qorti tqis ukoll li ma nġabitilhiex raġuni tajba biex, minkejja dak in-nuqqas min-naħa tal-appellant fl-ewwel istanza, tħalli d-dokument jibqa' fl-atti. Jekk għandha tqis il-provi in sostenn ta' dan l-aggravju, trid issibhom mill-provi li tressqu regolarment quddiem l-ewwel Qorti[23];

42. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tordna li d-dokument mehmuż mar-Rikors tal-Appell tal-appellanti jitneħħa mill-atti tal-kawża;

---

[21] App. Ċiv. **12.7.2019** fil-kawża fl-ismijiet **Vinco Ltd v. Josephine Ċilia et**
[22] App. Ċiv. **24.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet **Josef Farruġia v. Christopher Carabott et**; u App. Ċiv. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Żammit noe v. Charles Polidano pro et noe**
[23] App. Ċiv. **28.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet **Olive Gardens Investments Ltd v. Salvu Farruġia et**

43. Illi mill-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti, jidher li r-rapport ma kienx ir-raġuni li għaliha Ekornes AsA ħaddmet prattika partikolari dwar ħlas mal-appellanti u ma laqgħethilhiex it-talba għall-konċessjoni ta' ħlas b'terminu għal kreditu jew għal skonti fuq l-oġġetti li kienet timporta mingħandha. Mill-istess provi, joħroġ li fuq medda ta' żmien (li żgur ippreċediet il-ħruġ tar-rapport) il-kumpannija barranija kienet stabbiliet kundizzjonijiet tal-ħlas tal-prodotti li l-appellanti kienet tikseb mingħandha, tant li l-appellanti kienet ilha tipprova tikkonvinċiha biex terħi ftit idejha magħha. Il-fatt li l-appellanti setgħet ingħatat faċilitajiet ta' ħlas b'terminu ta' kreditu minn kumpanniji oħrajn barranin li taħdem magħhom ma jsegwix li l-għażla li għamlet Ekornes AsA kienet il-frott ta' dak li kien hemm imniżżel fir-rapport;

44. Illi minbarra dan, jekk wieħed kellu jqis bħala attendibbli x-xhieda mogħtija minn Boris Arcidiacono fl-affidavit tiegħu[24], jidher li l-għażla ta' Ekornes AsA li titlob ħlas mal-konsenja ma kienet bl-ebda mod marbuta mar-rapport, għaliex dik l-għażla kienet ilha sa minn żmien qabel ma Ekornes AaA għaddiet kopja tar-rapport lill-appellanti. Mill-istess affidavit joħroġ li l-kopja tar-rapport li Ekornes AsA bagħtet lill-appellanti ntbagħat xahar biss wara li r-rapport intbagħat mingħand l-appellata lil Experian u għalhekk il-qagħda tan-nuqqas ta' għoti ta' faċilità ta' ħlas bi kreditu li

[24] §§ 16 sa 21

jitkellem dwarha Arcidiacono kienet bilfors determinata minn ċirkostanza oħra lil hinn mir-rapport u ġejja minn żmien qabel ma sar;

45. Illi, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, din iċ-ċirkostanza ddgħajjef ħafna l-argument tar-rabta kawżali bejn ir-rapport u d-deċiżjoni ta' Ekornes AsA li timponi termini partikolari ta' ħlas mingħand l-appellanti. Għall-kuntrarju, mix-xhieda nnifisha mressqa mill-appellanti – ukoll jekk wieħed kellu jaqra sewwa l-*e-mail* mibgħut lilha f'Settembru tal-2009[25] – jirriżulta li r-raġuni msemmija minn Ekornes AsA innifisha għalfejn ċaħħdet lill-appellanti minn faċilità ta' ħlas b'termini ta' kreditu kien l-esperjenzi imgħoddija (jintużaw il-kliem "*previouse history*" (sic)) u mhux biss il-valutazzjonijiet magħmulin fir-rapport;

46. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li dan is-seba' aggravju huwa mistħoqq u għalhekk sejra tiċħdu;

47. Illi għar-rigward tal-**aggravju li s-sentenza appellata ma tistax trieġi** kif ingħatat, l-appellanti tgħid li dan ma setax isir legalment minħabba li t-tweġiba li tat l-appellata fir-Risposta Maħlufa tagħha kienet, f'parti minnha, stqarrija li t-tieni talba attriċi kienet minnha; u wkoll għaliex, mill-mod kif tfasslu l-eċċezzjonijiet, dawn ma kinux jeskludu li t-talbiet attriċi jintlaqgħu. Hija tgħid li, ladarba l-ewwel Qorti laqgħet l-

[25] Dok "MP15" fl-inkartament tal-perit legali (mhux enumerat)

eċċezzjonijiet tal-appellata, kienet fl-istess waqt qiegħda tilqa' l-ammissjoni u b'hekk it-tieni talba ma setgħetx ma tilqagħhiex ukoll. Minbarra dan, jekk kemm-il darba l-appellata tistrieħ fuq id-"*disclaimer*" li taħtu ressqet ir-rapport lil min qabbadha tagħmlu, dan kien jorbot lill-appellata mal-klijent tagħha, imma mhux ukoll mal-appellanti;

48. Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju jrid jintrabat sfiq mal-aggravju ta' qablu u jgħoddu għalih l-istess stħarriġ u l-istess argumenti. Lil hinn minn hekk, u fid-dawl tan-natura dikjaratorja tal-azzjoni attriċi, l-appellanti tgħid li wkoll kieku wieħed ma jqisx il-provi mressqa, l-ammissjoni min-naħa tal-appellata li r-rapport kien fih "ineżattezza" kellu tabilfors iwassal lill-ewwel Qorti li ma tinjorax dik il-parti tal-eċċezzjonijiet u, b'konsegwenza, tilqa' mqar l-ewwel żewġ talbiet attriċi. Il-Qorti taqbel ma' dan l-argument tal-appellanti u ma tarax li għandha għalfejn terġa' telenka r-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza fejn dehrilha li kellha tilqa' l-aggravji tagħha;

49. Illi għalhekk issib li dan l-aggravju huwa tajjeb u sejjer jintlaqa' kif se jitfisser fil-parti deċiżorja ta' din is-sentenza;

***Decide:***

50. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tordna t-tneħħija mill-atti tal-kawża** tad-dokument li tressaq mill-kumpannija appellanti mehmuż mar-Rikors tal-Appell tagħha billi dan sar bi ksur tal-liġi;

**Tilqa' limitatament l-appell** tal-kumpannija attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tħassarha fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi u fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija appellata u, minflok, tilqa' l-istess l-ewwel tliet talbiet u tiċħad l-istess eċċezzjonijiet safejn jirreferu għal dawk it-talbiet, u tikkonferma l-imsemmija sentenza għall-bqija fir-rigward tar-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi; u

**Tordna** li, bi tħaddim tal-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-i**spejjeż** ta' dan l-appell u tal-ewwel istanza jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb